IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

12 ta' Novembru 2015
121/2015

**STQARRIJA TAL-ISQFIJIET MALTIN DWAR IL-VALLETTA SUMMIT**

Fl-okkażjoni tal-*Valletta Summit* li qed jiġbor madwar mejda waħda l-mexxejja tal-Unjoni Ewropeja u ta' pajjiżi tal-kontinent tal-Afrika, aħna l-Isqfijiet nesprimu l-apprezzament tagħna għar-rieda tajba u l-impenn li qed jintwerew sabiex jinstabu soluzzjonijiet konkreti biex tiġi ndirizzata s-sitwazzjoni tal-immigrazzjoni.

F'dawn is-sigħat, pajjiżna qed jgħix il-missjoni nobbli tiegħu li jkun pont bejn iż-żewġ kontinenti u jkun post fejn bħala bnedmin inwarrbu d-differenzi ta' bejnietna, noħorġu mill-għeluq tat-tiftix esklussiv tal-interessi nazzjonali, u nissaħħu fl-ispirtu ta' ospitalità u ta' responsabiltà li għandna. Dan sabiex niggarantixxu u naħdmu favur ir-rispett tad-drittijiet fundamentali ta' kull persuna umana, speċjalment ta' dawk li huma l-aktar dgħajfa u vittmi ta' vjolenza, inġustizzji u faqar.

Aħna nħeġġu lill-komunità Nisranija sabiex issieħeb bit-talb dawn l-inizjattivi li jgħinu sabiex il-pajjiżi konċernati jaslu għall-soluzzjonijiet konkreti misjuqa mill-kuxjenza li lkoll bħala bnedmin għandna oriġini komuni, appartenenza waħda. Kemm-il darba nħossuna u naħdmu bħala familja umana waħda, aktar iseħħilna nsawwru dinja aħjar fejn jiġi milħuq il-ġid ta' kulħadd.

Aħna bħala Knisja, li tħossha Omm ta' kulħadd, nitolbu lil Alla sabiex, kif esprima ruħu l-Papa Franġisku, il-pajjiżi "jiftħu qalbhom b'mod ġeneruż, li flok jibżgħu li ħa tinqerdilhom l-identità lokali, isibu l-ħila joħolqu sintesi kulturali ġdida" (*Evangelii gaudium*, 210).

Illum, 12 ta' Novembru 2015.

✠ **Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**